## Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
## Bhala Qorti Istruttorja

**Magistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Samuel Seguna**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta\` Samuel Seguna, datati 28 ta\` Dicembru, 2016, ta\` 31 sena, iben Raymond u Maria nee Cossai, imwieled tal-Pieta\` nhar il-5 ta\` Novembru, 1986, bla indirizz fis u detentur tal-karta tal-identita\` numru 506486M, akkuzat talli:

Nhar it-28 ta\` Dicembru, 2016, bejn l-ghaxra u l-hdax ta\` filghaxija (10:00pm – 11:00pm) f'dawn il-Gzejjer, gewwa Pizza Hut, Triq San Gorg, San Giljan u aktar tard gewwa l-Ghassa San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta\` ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita\` kompetenti;
2. Akkuzat aktar talli fl-istess data, postijiet, hinijiet u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq persuna inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghaw jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta\` dak is-servizz;
3. Akkuzat aktar talli fl-istess data, postijiet, hinijiet u cirkostanzi ikkaguna ferita ta\` natura gravi fuq il-persuna ta\` PS 249 Michael Vella, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta\` ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita\` kompetenti;
4. Akkuzat aktar talli fl-istess data, postijiet, hinijiet u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta\` l-Artikolu 8 (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta\` Malta;
5. Akkuzat aktar talli fl-istess data, postijiet, hinijiet u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta\` l-awtorita jew ta\` min ikun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fiskilhom waqt li jkunu ghamlu d-dmirijiet taghhom;
6. Akkuzat aktar talli fl-istess data, postijiet, hinijet u cirkostanzi rrifjuta jaghti, jew ta falz lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun qieghed jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularijiet ohra;

7. Akkuzat aktar talli fl-istess data, postijiet, hinijiet u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx kapaci jiehu hsieb tieghu innifsu;
8. Akkuzat aktar talli fl-istess perjodu ta` zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li dan kien gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta` Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti inkluz il-fedina penali tal-imputat;

Semghet il-provi prodotti,

Il-Qorti semghet lill-imputat jammetti ghall-imputazzjonijiet kontestati lilu a fol 72 tal-process.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijiet kontestati lilu, inkluz li minhabba n-natura tar-reat il-Qorti setghet tghaddi biex issibu hati u tikkundannah ghal piena li tista` tkun anke wahda karcerarja jew pieni ohra statutorji. Il-Qorti, wara li taghtu zmien bizzejjed sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat Difensur u jiddeciedi jekk hux sejjer jerga lura mill-ammissjoni registrata minnu, semgha lill-imputat ittenni li huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih.

Ghaldaqstant:

Il-Qorti fid-dawl tal-istqarrija tal-htija skond kif imsemmi aktar il-fuq, m'ghandiex alternattiva hlief li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kontestati lilu ghajr hlief ghar-recidiva. Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 95, 96, 214, 216 (1) (a) (iii) (b), 338(ee), 338(g), 388(ff) kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali nonche l-Artikolu 8 (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta filwaqt illi ssib lill-imputat hati skond kif mistqarr aktar il-fuq, tikkundannah ghal tmien xhur prigunerija u multa kumplessiva ta` €4,100.

Inoltre qed testendi l-ordni tal-Protezzjoni a fol 72 ghal-perjodu ta` sena.

**Mogħtija illum, 13 ta' Lulju, 2017, fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Il-Maġistrat***

***Aaron M. Bugeja***